# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 456/2018 JPG**

**Kawza Numru :18**

**DB**

**vs**

**DF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' DB datat 10 t'Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-16 t'Awwissu tas-sena elfejn u tmiena (16.08.2008) u miz-zwieg twieled tifel fit-tnejn ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (02.082001);*

2. *Illi sussegwentement il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat 28 ta' Marzu tas-sena 2017 (28.03.2017);*

3. *Illi fil-perjodu qabel ma gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti ghix ghal ftit iktar minn tlett (3) snin il-Ghana, l-Africa u meta kien jigi Malta, ma kienx jghix flimkien ma' l-intimata izda ma ommu;*

4. *Il-partijiet ilhom 'l fuq minn erba' (4) snin jghixu separatament minn xulxin, ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom, il-manteniment ghat-tifel dejjem thallas regolarment u ma hemm ebda arretrati pendenti. Ghalhekk ir-rekwiziti kollha stabbilita mill-Ligi sabiex jinghata divorzju jinsabu sodisfatti.*

5. *Illi l-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju u li z-zwieg tieghu mill-intimata jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DF, datata 30 ta' Ottubru, a fol 15, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors tieghu ntavolat nhar l-10 ta' Ottubru 2018.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**DF** xehdet a fol 1 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-16 t'Awissu 2008 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-28 ta' Marzu 2017 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li ghadu minuri u li versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

***kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Awissu, 2008, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed;

Di piu' l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Marzu, 2017, fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**